


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Limiti Ta' Żmien Fuq Il-proċeduri](#) > [Hungary](#)

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Bħala regola ġenerali, passi proċedurali sabiex jiġi prodott effett ġuridiku mixtieq jistgħu jitwettqu fil-limiti ta' żmien previsti fil-leġiżlazzjoni. Dispożizzjonijiet għal dan jistgħu jinsabu kemm fil-liġi sostantiva kif ukoll fil-liġi proċedurali.

Il-kundizzjonijiet rilevanti fil-liġi sostantiva huma parzjalment stabbiliti fir-regoli dwar ir-rikors ġudizzjarju u parzjalment irregolati mir-regoli dwar il-preskrizzjoni. Dawn jippreskrivu l-limiti ta' żmien għat-tnedija ta' proċeduri ċivili. Il-liġi tagħti eżenzjoni minn dawn ir-restrizzjonijiet biss biex tiżgura l-infurzar bla kundizzjoni tal-pretensjonijiet (pretensjonijiet dwar proprjetà, pereżempju). Xi passi proċedurali jistgħu jsiru biss b'mod legali f'perjodu ta' żmien speċifikat (il-limitu ta' żmien). F'ċerti każijiet it-tul tal-limitu ta' żmien huwa definit b'mod ċar fil-liġi, bħal meta jsir rikors għal rimedju (limitu ta' żmien statutorju), filwaqt li f'oħrajn - pereżempju, meta jiġu rettifikati nuqqasijiet - dan jiddependi fuq id-deċiżjoni tal-qorti (limitu ta' żmien ġudizzjarju).

Il-metodu għall-kalkolu tal-limiti ta' żmien proċedurali fil-liġi sostantiva huwa konsiderevolment differenti minn dak użat fil-każ tal-liġi proċedurali, kif inhuma l-konsegwenzi ġuridiċi ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn iż-żewġ tipi ta' limitu ta' żmien. In-nuqqas ta' osservanza ta' limitu ta' żmien skont id-dritt sostantiv iwassal għal telf ta' drittijiet, u ma jistax jiġi rrimedjat permezz ta' ġustifikazzjoni. "Skuża" tista' tiġi aċċettata biss jekk japplika terminu ta' preskrizzjoni u biss skont ir-regoli rilevanti tad-dritt sostantiv. Għal limiti ta' żmien proċedurali, għandha ssir distinzjoni bejn limiti ta' żmien suġġettivi u dawk oġġettivi. Limiti ta' żmien suġġettivi jinkludu limiti taż-żmien li għalihom id-data tal-bidu għandha tkun id-data li fiha l-parti kkonċernata tkun irċeviet notifika, u n-nuqqas ta' konformità ma' dawn ġeneralment jista' jiġi rrimedjat billi ssir talba għal *restitutio in integrum* (rikors għal estensjoni), filwaqt li skadenzi oġġettivi mhumiex marbuta mal-irċevuta tan-notifika mill-parti kkonċernata u n-nuqqas ta' konformità magħhom ma jistax jiġi rrimedjat permezz ta' rikors għal *restitutio in integrum*.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont l-Artikolu 102 (1) tal-Att I tal-2012 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol, il-jiem li ġejjin huma previsti bħala jiem mhux tax-xogħol: l-1 ta' Jannar, il-15 ta' Marzu, it-Tnejn ta' wara l-Għid, l-1 ta' Mejju, it-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin, l-20 ta' Awwissu, it-23 ta' Ottubru, l-1 ta' Novembru u l-25 u s-26 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-limiti ta' żmien huma kkalkulati f'jiem, xhur jew snin. Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem. Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju notifika, pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu. Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-

xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. Jekk l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, l-iskadenza tiskadi biss fl-ewwel jum tax-xogħol wara dik id-data. Il-limitu ta' żmien jiskadi fi tmiem l-aħħar jum; Madankollu, l-iskadenzi għas-sottomissjonijiet quddiem qorti jew azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-qorti jiskadu fi tmiem il-ħinijiet tal-uffiċċju. Ir-regoli ġenerali applikabbli għal-limiti ta' żmien fil-proċeduri ċivili l-oħra kollha huma stabbiliti fit-Taqsimiet 103 sa 112 tal-Att III tal-1952 dwar il-kodiċi ta' proċedura ċivili ("il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili").

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju n-notifika, il-pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu. Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Fir-rigward tal-kalkolu tal-limiti ta' żmien, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-metodi differenti tan-notifika tad-dokumenti. Madankollu, xi dispożizzjonijiet speċjali japplikaw jekk id-dokumenti jiġu skambjati b'mod elettroniku. Xi dokumenti jintbagħtu lill-espert fuq karta wkoll jekk l-espert iżomm kuntatt mal-qorti b'mezzi elettroniċi: il-qorti tipprovdi lill-espert bl-annessi għal dokumenti tal-qorti fuq il-karta jew fuq mezz ta' data ieħor jekk, minħabba l-volum kbir ta' dawn l-annessi jew in-natura tal-mezz tad-data, id-diġitalizzazzjoni toħloq żvantaġġ sproporzjonat jew piż insormontabbli, jew jekk l-awtentiċità ta' dokument fuq il-karta tkun dubjuża. Jekk, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-dokumenti elettroniċi mibgħuta mill-qorti jkunu akkumpanjati b'annessi f'forma stampata, il-bażi għall-kalkolu tal-limitu ta' żmien tkun id-data tal-wasla tal-anness. Is-sottomissjonijiet relatati mal-proċedimenti u n-notifika ta' dokumenti tal-qorti fil-każijiet definiti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili diġà jseħħu b'mod elettroniku. Ġranet li fihom is-sistema ta' twassil għal dan l-għan ma tkunx qed topera għal mill-inqas erba' sigħat ma jiġux inklużi fil-limitu ta' żmien speċifikat bil-liġi jew mill-qorti.

Jekk il-komunikazzjoni fil-proċedimenti ssir b'mezzi elettroniċi, il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' żmien ma jistgħux japplikaw jekk is-sottomissjoni lill-qorti tkun tressqet b'mod elettroniku mhux aktar tard mid-data finali, skont ir-rekwiżiti tal-IT. Fir-rigward tal-kalkolu tal-limitu ta' żmien, sottomissjoni titqies li tkun ġiet sottomessa wara li s-sistema tal-IT tal-qorti tkun bagħtet konferma tar-riċevuta, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni. Il-President tal-Uffiċċju Ġudizzjarju Nazzjonali jipprovdi formola għas-sottomissjonijiet fuq il-midja tal-ħżin. Il-midjum tal-ħżin irid jiġi ppreżentat lill-qorti personalment jew bil-posta sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara li l-persuna ta' kuntatt għal sottomissjonijiet elettroniċi tkun irċeviet konferma tal-wasla tal-formola mill-qorti. Permezz tas-sistema tan-notifika, il-qorti awtomatikament tibgħat lill-persuna ta' kuntatt għal sottomissjonijiet elettroniċi konferma tar-riċevuta tal-midjum ta' ħażna. Is-sottomissjoni titqies li ġiet innotifikata lill-qorti fid-data speċifikata fil-konferma tar-riċevuta tal-formola mill-qorti.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem. Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju n-notifika, il-pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ifisser jiem kalendarji. Jekk, madankollu, l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, il-limitu ta' żmien jiskadi biss fl-ewwel jum tax-xogħol wara dik id-data.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ɔadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Barra mill-każijiet imsemmija hawn fuq, il-qorti tista', għal kwalunkwe raġuni importanti, testendi limitu ta' żmien stabbilit minnha darba biss; il-limitu ta' żmien - flimkien mal-estensjoni tiegħu - ma jistax jaqbeż ħamsa u erbgħin jum, sakemm ma jkunx meħtieġ perjodu itwal biex tingħata opinjoni esperta. L-iskadenzi statutorji jistgħu jiġu estiżi biss f'każijiet li huma obbligatorji skont il-liġi. Il-perjodu mill-15 ta' Lulju sal-20 ta' Awwissu ta' kull sena mhuwiex inkluż f'termini ta' żmien espressi f'jiem (minħabba btajjel ġudizzjarji). Jekk limitu ta' żmien espress f'xhur jew snin kellu jiskadi matul il-vaganzi ġudizzjarji, dan jiskadi fil-jum tax-xahar ta' wara li jikkorrispondi ma' dak li fih beda l-limitu ta' żmien jew, jekk dak il-jum ikun ukoll fil-perjodu tal-vaganzi ġudizzjarji, fl-ewwel jum ta' wara l-vaganzi ġudizzjarji. Il-liġi tistipula wkoll eċċezzjonijiet għall-vaganzi ġudizzjarji. Il-qorti trid b'mod speċifiku tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal dawn l-eċċezzjonijiet. Fi proċedimenti barra mill-qorti rregolati f'atti li mhumix il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, id-dispożizzjonijiet dwar il-vaganzi ġudizzjarji jistgħu jiġu applikati biss jekk tkun tipprovdi hekk liġi separata.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Bħala regola ġenerali, jista' jsir appell fi żmien 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni.

13 Il-qorti jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-Qorti tista', għal kwalunkwe raġuni importanti, testendi limitu ta' żmien stabbilit minnha darba biss; il-limitu ta' żmien - flimkien mal-estensjoni tiegħu - ma jistax jaqbeż ħamsa u erbgħin jum, sakemm ma jkunx meħtieġ perjodu itwal biex tingħata opinjoni esperta. L-iskadenzi statutorji jistgħu jiġu estiżi biss f'każijiet li huma obbligatorji skont il-liġi.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna tiflew il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ir-regoli tal-proċedura ċivili fl-Ungerija ma jipprevedux estensjoni abbażi tal-post ta' residenza tal-partijiet. Madankollu, nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' żmien jista' jkun skużat jekk il-partijiet ma kinux aċċessibbli fl-indirizz indikat fir-reġistru tad-data personali u tal-indirizzi għal raġuni ġustifikata.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, il-partijiet ma jistgħux iwettqu aktar b'mod validu azzjonijiet proċedurali inadempjenti. Il-konsegwenzi tan-nuqqas li jitwettqu dawn l-azzjonijiet – ħlief f'każijiet stipulati mil-liġi – jirriżultaw awtomatikament, mingħajr avviż minn qabel. Jekk, skont il-liġi, il-konsegwenzi ta' inadempjenza jirriżultaw biss b'avviż minn qabel jew fuq talba tal-parti avversa, l-azzjoni inadempjenti tista' titwettaq matul il-perjodu taż-żmien indikat fl-avviż jew sakemm tintbagħat it-talba jew, jekk it-talba ssir waqt seduta ta' smiġħ, ma meta tittieħed id-deċiżjoni rilevanti. Fil-każ li xi parti tkun imxekkla milli twettaq azzjoni minħabba avveniment naturali komunement magħruf jew ostakli oħra lil hinn mill-kontroll tagħha, dan ma għandux jitqies bħala inadempjenza. Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien ma japplikawx jekk sottomissjoni lill-qorti tiġi mpustata bħala ittra rreġistrata mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-limitu ta' żmien.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet jistgħu jippreżentaw rikors għal *restitutio in integrum* sabiex jipprovdu skuża għall-inadempjenza tagħhom. Il-qorti trid tiegħu deċiżjoni ġusta dwar ir-rikors.

Fil-każ li parti jew ir-rappreżentant tagħha jonqsu milli jidhru fil-qorti f'data partikolari jew jitolfu skadenza għal raġuni lil hinn mill-kontroll tagħhom, il-konsegwenzi tal-inadempjenza – ħlief fil-każijiet imsemmija hawn taħt – jistgħu jiġu rrimedjati billi tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għall-inadempjenza. L-ebda ġustifikazzjoni ma tista' tiġi pprovduta jekk il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni tkun eskluża bil-liġi, jekk il-konsegwenzi ta' inadempjenza jistgħu jiġu evitati mingħajr ġustifikazzjoni, jekk dan in-nuqqas ma jwassalx għal xi żvantaġġ espress f'deċiżjoni tal-qorti jew jekk il-parti tonqos milli tirrispetta l-iskadenza l-ġdida stabbilita fuq il-bażi ta' rikors għal *restitutio in integrum*.

Rikorsi għal *restitutio in integrum* jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien ħmistax-il ġurnata. Dan il-limitu ta' żmien għandu jibda mid-data tal-għeluq maqbuża jew mill-aħħar jum tal-iskadenza maqbuża. Jekk, madankollu, parti jew ir-rappreżentant tagħha jsiru konxji mill-inadempjenza f'data aktar tard jew jekk ostaklu jitneħħa biss f'data aktar tard, il-limitu ta' żmien għar-rikors għal *restitutio in integrum* jibda minn meta l-parti ssir konxja mill-inadempjenza jew jitneħħa l-ostaklu. L-ebda rikors għal *restitutio in integrum* ma jista' jiġi ppreżentat aktar tard minn tliet xhur mill-mument tal-inadempjenza.

Ir-rikors għal *restitutio in integrum* irid jiddikjara l-kawżi tal-inadempjenza u ċ-ċirkustanzi li jagħmluha probabbli li l-inadempjenza ma kenitx intenzjonata. F'każ ta' nuqqas li tiġi rrispettata skadenza, l-azzjoni inadempjenti trid titwettaq fl-istess ħin li jiġi sottomess ir-rikors għal *restitutio in integrum*.

Jekk il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni tkun eskluża bil-liġi jew jekk ir-rikors għal *restitutio in integrum* ikun ġie ppreżentat tard, ir-rikors irid jiġi rrifjutat mingħajr ma jitqiesu l-merti tal-każ. L-istess japplika jekk - f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' limitu ta' żmien - il-parti li tressaq ir-rikors għal *restitutio in integrum* ma tkunx wettqet l-azzjoni inadempjenti meta ppreżentat ir-rikors.

Jista' jsir appell kontra deċiżjonijiet li jirrifjutaw rikors għal *restitutio in integrum*.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.